# 70. Fit-Triq tal-Ħajja

Konna mexjin fit-triq ta' nofs il-ħajja
jien, marti u uliedi: Johnnie kien idur
u jogħla magħna, Rosy bil-kemm timxi,
Manolo kien fil-pram, kellu sitt xhur.

U waqt li konna miexja ltaqa' magħna
skeletru jimxi b'passi meqjusin:
dan dar fuq marti u qallha b'leħen oħxon:
"Jien is-sultan tas-saltna tal-mejtin.

"Jeħtieġ li tiġi miegħi." U biesha bewsa,
u marti dak il-ħin baqgħet skantata,
l-għajnejn niżlu fil-ħofra, x-xofftejn kħalu,
ġisimha sar minn lewn iċ-ċikkulata,

Għalqet għajnejha u mietet. L-Iskeletru
tefagħha fuq spallejh u telaq biha,
difinha f'għalqa, u qiegħed għassa magħha
żewġ siġar taċ-ċipress kbar ħadranija.

U bkejna u tajna għal xejn jiena u uliedi,
għax l-Iskeletru kien mingħajr indiema;
kif xbajna nibku, qbadt il-pram u tlaqna,
u qbadna t-triq tar-romol u l-iltiema.